**48/19**

**It-Tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-14 ta' Diċembru, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
   (a) 100 sena Parroċċa
   (b) Tħaddir fil-Komunita'
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-6.40 ta' filgħaxija.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tat-48 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tat-48 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 2.2.4**- tinbidel il-kelma "Minutia" u ssir "Minuta"

2.2.2 **Minuta 3.1.1** – fl-aħħar tal-paragrafu titkompla s-sentenza "u għaldaqstant ikkonferma li ma kellux bżonn iċempel"

2.2.3 **Minuta 3.1.2** – titneħħa l-frażi "li l-Kunsill"

2.2.4 **Minuta 3.1.3** – tinbidel il-kelma "svolviet" u ssir "żvolġiet".

2.2.5 Minuta 3.1.9 – tinbidel il-kelma "parir" u ssir "qbil".

2.2.6 Minuta 3.1.10 – tinbidel il-kelma "ggal" u ssir "għal"

2.2.7 Minuta 9.2 – titnehha l-frażi "inkluż it-tips"

2.2.8 Minuta 9.6 – titneħħa il-kelma "għall-feedback" u ssir "għar-rispons".

**Fis-6.45pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer**

**3.1. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-46 Laqgħa**

3.1.1 **Minuta 3.1.2** – Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li l-Kunsill ġie infurmat tard ma kienx hemm żmien biżżejjed sabiex l-attivita' tal-400 sena tal-Akkwadott issir f'Diċembru għaldaqstant huwa ppjanat sabiex din l-attivita' ssir f'April 2016 fuq sala Nazzjonali.

3.1.2 Minuta 3.1.6 – Is-Sindku nforma lill-membri li fl-aħħar ġbir tal-ħwejjeġ kien hawn konkorrenza kbira u r-residenti ġabu ammont sostanzjali ta' ħwejjeġ.

3.1.3 Minuta 4.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill applika għall-Memo 30/2015 – Skema Attivitajiet Kulturali sabiex issir attivita' oħra f'Settembru fejn it-tema tkun Lejla Medjavali.

3.1.4 Minuta 9.2 – Is-Sindku fakkar lill-ħaddiema li l-ikla tal-Milied ser issir il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015 fis-siegħa ta wara nofsinhar ġewwa San Antonio, San Pawl il-Baħar.

**4 Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex naraw fejn fil-lokal nistgħu nziedu l-aċċess għall-WIFI. Il-Korrispondenza li irċivejna tindika li l-Kunsill jista' jżid 2 allokazzjonijiet oħra apparti dik eżistenti ta' ġnien Romeo Romano. Is-Sindku qal li hu tal-fehma li għandhom jiżdiedu l-aċċess għall-WIFI fil-*playingfield* San Gorg Preca Triq il-Palazz l-Aħmar u fil -*playingfield* Guze Flores Triq il-Parroċċa, Santa Venera

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-kunsill japplika għal din l-iskema.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sur Carabott is-Sibt 5 ta' Diċembru, attenda għall-laqgħa ġewwa l-Limestone Heritage fis-Siġġiewi, organizzata mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Is-Sindku stieden lis-Sur Carabott biex jinforma lill-membri dwar l-andament ta' din il-laqgħa. s-Sur Carabott qal li fost diversi kelliema li kien hemm, kemm Maltin kif ukoll epserti Ingliżi, l-iktar li kienet tolqot l-irwol tagħna bħala Kunsill Lokali kien id-diskors tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali Emanuel Buhagiar. Hu tkellem kif hemm nuqqas kbir ta' taħdidiet bejn il-Kunsilli Lokali madwar Malta u d-dipartiment tiegħu. Kompla billi qal li hemm diversi proġetti li qegħdin jistennew applikazjonijiet. Hu għamel enfasi kbira fuq il-Cat Cafes. Sfortunatament, attendew biss 6 Kunsilli Lokali, u għaldaqstant il-parteċipazzjoni tagħna kienet kemmxejn limitata. Minħabba li l-maġġor parti ta' din il-laqgħa ġew diskussi suġġetti li ma jittrattawx lilna partikolarment. Filfatt, dan ġie rimarkat u l' quddiem abbli jkollna laqgħat applikabbli għalina. Wara l-laqgħa, tkellimt ma' Ian Vella, fejn dan spjegali kif aħna bħala Kunsill nistgħu napplikaw għal Cat Cafe. Filfatt, żammejt kuntatt b'email miegħu sabiex kif ikolli l-kunsens tal-Kunsill inkompli nitkellem miegħu b'risq dan il-proġett. Is-Sur Carabott talab lis-Sindku sabiex issir laqgħa mal-feeders ħalli nkunu nafu jekk għandhomx xi suġġerimenti għall-area adekwata biex nagħmlu Cat Café. Hu ssuġerixxa li jekk ma nsibu l-ebda post, napplikaw għal rinovazzjoni tan-naħa ta' ġewwa ta' Romeo Romano.

Is-Sindku qal li hu jaqbel u talab lis-Sur Carabott sabiex fis-sena li ġejja għandha ssir laqgħa fejn hu jkun preżenti u nkunu nistgħu nimxu minn hemm.

Il-membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korsijiet tal-arti li jistgħu jsiru fil-Kunsill. Huwa qal li dawn jistgħu isiru matul il-ġimgħa kemm filgħodu u filgħaxija. L-unika problema hi sabiex insibu ġurnata u ħin minħabba korsijiet oħra li qed isiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament.

**5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 799 sa lment numru 813.

| | |
|---|---|
| 799 | Azzjoni ttieħdet |
| 800 | Azzjoni ttieħdet |
| 801 | Koptasin |
| 802 | Transport Malta |
| 803 | Il-Membri tal-Kunsill qablu li ma tistax ssir |
| 804 | Enemalta |
| 805 | Transport Malta u jkunu provduti ritratti tal-vettura |
| 806 | Aġenzija Żgħażagħ infurmati |
| 807 | Il-Membri tal-Kunsill qablu li ma tistax ssir |
| 808 | Ħaddiema Assenjati |
| 809 | Logografix |
| 810 | Koptasin |
| 811 | Transport Malta |
| 812 | Xoghol ser isir meta jibda x-xogħol fi Triq Misraħ il-Barrieri |
| 813 | Transport Malta |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**(a) 100 sena Parroċċa**

Is-Sindku nforma lill-membri li fl-2018 ser tkun il-100 sena minn meta Santa Venera saret Parroċċa. F'dan ir-rigward huwa kompla billi qal li l-kappillan waqqaf kumitat magħmul minn 9 membri u fosthom hemm hu bħala Sindku. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħti l-għajnuna tiegħu f'din iċ-ċelebrazzjoni u għaldaqstant huwa ppropona sabiex 2018 issir purċissjoni tal-Via Sagra, Jum Santa Venera jkun ċelebrat fuq skala akbar filwaqt jintbagħatu dar dar artiklu bir-ritratti relatati mal-Parroċċa

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt lill-membri preżenti qablu unanimament.

**(b) Tħaddir fil-Komunita'**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ser jirċievi €30 000 sabiex isir tħaddir fil-Kommunita'. F'dan ir-rigward ser jkun iffirmat MOU bejn il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima u l-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jsiru dan it-tħaddir f'diversi toroq fil-lokalita' bħal Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Braille, Misraħ Santa Venera, Misraħ il-Barrieri, Triq Reġjonali, Triq il-Parroċċa, it-toroq ta' madwar il-Palazz l-Aħmar, Triq il-Kanun u toroq oħra.

Il-Membri qablu unanimament.

## 8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto-Kumitati li ġew preżentati waqt il-45 laqgħa.

## 9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li ser tiżdied tfajla Francesca Zerafa fil-Kunsill taż-żgħażagħ.

Il-membri kollha qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu dikjarazzjoni mingħand il-Kumitat Festi li kien hemm ftehim mal-Għaqda tan-Nar sabiex issir realokazzjoni tan-nar tal-art. L-Għaqda tan-nar qed tipproponi sabiex isir fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn ser ikun hemm bżonn 13 il-tappiera. L-Għaqda tan-Nar tikkonferma wkoll li ser jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa minħabba s-safety.

Il-membri kollha qablu unanimament

## 10 Aġġornament

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.00 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

Ikkonfermati llum: 11/01/2016

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt